# MALTA

## ATT Nru. XIX ta' l-1978

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1955 dwar is-Servizz ta' l-Impiegi.**

## ACT No. XIX of 1978

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT further to amend the Employment Service Act, 1955.**

Naghti l-kunsens tieghi.

President

30 ta' Mejju, 1978

## ATT Nru. XIX ta' l-1978

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1955 dwar is-Servizz ta' l-Impiegi.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1978 li jemenda l-Att dwar is-Servizz ta' l-Impiegi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1955 dwar is-Servizz ta' l-Impiegi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali, minflok it-tifsira ta' "Ministru" għandha tidħol din li ġejja:

" "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għax-xogħol u tinkludi, sal-limitu ta' l-awtorità mogħtija, kull persuna awtorizzata mill-imsemmi Ministru għal hekk għal xi għan ta' dan l-Att;".

Emenda ta' l-artikolu 14A ta' l-Att prinċipali.

3. Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 14A ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Ebda persuna ma għandha —

(a) tmexxi xi aġenzija jew servizz ikun liema jkun li l-għanijiet u/jew ix-xogħol tiegħu jkunu bħal jew jixbħu, għal kollox jew f'parti, dawk imsemmija fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, jew

(b) f'Malta ddaħħal xi ċittadin ta' Malta għal impieg barra minn Malta:

Iżda l-Ministru jista', dwar id-dħul ta' ċittadin ta' Malta għal impieg li ma jkunx f'Malta, jeżenta bil-miktub lil kull persuna mid-disposizzjoni ta' dan l-artikolu, taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa li jimponi.".

4. Fis-subartikolu (2A) ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "mhux anqas minn ħamsin lira iżda mhux iżjed minn ħames mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "mhux anqas minn mitejn lira iżda mhux iżjed minn elf lira". Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 171 tad-29 ta' Mejju, 1978.

*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

*Speaker*

I assent.

President

30 May, 1978

## ACT No. XIX of 1978

*AN ACT further to amend the Employment Service Act, 1955.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows: —

Short title.

1. This Act may be cited as the Employment Service (Amendment) Act, 1978, and shall be read and construed as one with the Employment Service Act, 1955, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 2 of the principal Act.

2. In section 2 of the principal Act, for the definition of "Minister" there shall be substituted the following:

" "Minister" means the Minister responsible for labour and includes, to the extent of the authority given, any person authorised by the said Minister in that behalf for any purpose of this Act;".

Amendment of section 14A of the principal Act.

3. For subsection (1) of section 14A of the principal Act there shall be substituted the following:

"(1) No person shall —

(a) conduct any agency or service whatsoever the purposes and/or functions of which are identical or similar, in whole or in part, to those referred to in section 3 of this Act, or

(b) recruit in Malta any citizen of Malta for employment outside Malta:

Provided that the Minister may, in respect of recruitment of citizens of Malta for employment otherwise than in Malta, exempt in writing any person from the provision of this section, under such terms and conditions as he may deem fit to impose.".

**4.** In subsection (2A) of section 18 of the principal Act, for the words "not less than fifty pounds but not exceeding five hundred pounds" there shall be substituted the words "not less than two hundred pounds but not exceeding one thousand pounds". Amendment of section 18 of the principal Act.

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 171 of the 29th May, 1978.

*Clerk to the House of Representatives*

*Speaker*